MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 148/2011

**Fl-atti ta' l-Ittra Ufficjali Numru 5438/07 fl-ismijiet:**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà estera Norwich Union International Insurance Limited**

**Vs**

**Paul D'Amato**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà rikorrenti fit-3 ta' Mejju 2011 permezz ta' liema tippermetti li bis-sahha ta' ittra ufficjali pprezentata fis-26 ta' Settembru 2007 fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà estera Norwich Union International Insurance Limited v. Paul D'Amato" bin-Numru 5438/07, giet kanonizzata kreditrici ta' l-intimat fis-somma ta' elf disa' mija erbgha u tletin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,934.69) rapprezentanti in kwantu

ghas-somma ta' €1,372.13 sorte, €393.34 imghax oltre imghaxijiet ulterjuri dovuti sad-data ta' l-effettiv pagament, €155.14 spejjez u €14.08 VAT. Peress illi ghaddew iktar minn tlett snin minn meta tali titolu ezekuttiv seta' jigi esegwit u l-intimat gie interpellat diversi drabi biex ihallas, titlob li din il-Qorti tordna li jigu ravvivati d-drittijiet taghha fil-konfront ta' l-intimat u b'hekk il-kreditu jerga' jsir titolu ezekuttiv skond il-Ligi u jkun jista' jigi esegwit kontra l-istess intimat;

Rat li b' Digriet Taghha ta' l-4 ta' Mejju 2011, ir-Rikors gie appuntat ghas-smigh u gie ordnat li l-istess Rikors u Digriet jigu notfikati lill-intimat bi zmien hamest (5) ijiem ghar-Risposta;

Rat illi r-Rikors u d-Digriet imsemmija gew notifikati lill-intimat permezz tal-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 187 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda l-intimat naqas milli jipprezenta Risposta entro t-terminu prefiss u lanqas deher ghas-seduti ffissati mill-Qorti;

Rat illi l-kontenut tar-Rikors promotur gie debitament ikkonfermat bil-gurament mill-P.L. Nicholette Aquilina;

Rat l-atti l-ohra tar-Rikors;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-ittra ufficjali mertu ta' dawn il-proceduri inharget a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u giet reza ezekuttiva fit-23 ta' April 2008. Peress illi jirrizulta li ghaddew iktar minn tlett (3) snin minn dakinhar li fih skond il-Ligi t-titolu ezekuttiv tas-socjetà rikorrenti fil-konfront ta' l-intimat nascenti mill-ittra ufficjali mahruga a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà estera Norwich Union International Insurance Limited v. Paul D'Amato" datata 26 ta' Settembru 2007 bin-Numru 5438/07, seta' jigi esegwit fil-konfront tieghu.

Illi l-P.L. Nicholette Aquilina ikkonfermat bil-gurament ix-xorta tad-dejn pretiz mis-socjetà rikorrenti minghand l-intimat u li dan id-dejn ghadu dovut.

Illi l-intimat ma kkontestax ir-Rikors tas-socjetà rikorrenti billi ma ipprezentax Risposta entro t-terminu lilu prefiss u lanqas deher ghas-seduti ffissati mill-Qorti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjetà rikorrenti tirrizulta gustifikata u debitament ippruvata, il-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta tilqa’ it-talba u tawtorizza lis-socjetà rikorrenti tesegwixxi kontra l-intimat, permezz tal-Mandati Ezekuttivi opportuni, it-titolu ezekuttiv taghha fil-konfront tieghu nascenti mill-ittra ufficjali mahruga a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta fl-ismijiet “Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà estera Norwich Union International Insurance Limited v. Paul D’Amato” datata 26 ta’ Settembru 2007 bin-Numru 5438/07, bl-ispejjez ta’ dawn il-proceduri kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------